# Il-Ħadd 03.06.2018

1. Illum 03/06, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:
   - Fil-5:00pm - Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm - Quddiesa solenni ċċelebrata minn Mons. Vincent Cachia, ex-amministratur ta' din il-parroċċa (2005-06), bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda u animata mill-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-6:45pm - Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. Il-Ġimgħa 08/06, **Il-Qalb ta' Ġesù -** *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-5:45pm - Ħin għall-Qrar.
   - Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, mit-tfal tad-Duttrina u mill-Abbatini li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.

3. Is-Sibt 09/06, *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mit-8:00am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fid-9:00pm - Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja ta' Mlit, il-Mosta.

4. Il-Ħadd 10/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Fil-quddies, jibda l-ġbir speċjali b'risq il-Festa.
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* ċċelebrata mill-Kan. Leonard Mintoff, Viċi tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena, B'Kara;
   - Fis-6:45pm - *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

5. Il-Ħamis 14/06:
   - Filgħaxija ser ikollna Ħarġa b'rabta ma' Jum il-Missier: nibdew bil-Quddiesa tas-6:30pm hawn fil-knisja u wara ħin u ikla f'lukanda l-Qawra. Tluq fis-7:15pm u nkunu lura għall-11:00pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

6. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħamis 7/06 mill-10:00am sas-7:00pm:- *Qamar il-Għasel*: Attività Kulturali u Edukattiva għall-familja kollha fil-pjazza ta' Ħal Safi.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 55 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.

8. Nitolbu għal Alan Boyce li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...